MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 204/2003

**Cutrico Services Limited**
**(numru ta' registrazzjoni C3517)**

**Vs**

**G. Costa Catering Limited**
**(numru ta' registrazzjoni C10239)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm3456.50,0 (tlett elef erba mija sitta u hamsin lira Maltin u hamsin centezmu) liema ammont huwa dovut ghall-arretrati ta' kera u interessi fuq l-istess sat-3 ta' April 2003 fir-rigward tal-fond li bhalissa jgib l-isem "Pole Position", Triq Bisazza, Sliema.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid numru 688/03 NS u bl-imghax mill-4 ta' April 2003 sad-data tal-

pagament effettiv, kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat dak verbalizzat a fol 8 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx fid-29 ta' Ottubru 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm3456.50,0 bl-imghax legali mid-data tal-mandat ta' qbid kawtelatorju numru 688/03NS sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi tal-istess mandat ta' qbid kawtelatorju numru 688/03 NS.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------